# Il-Flawtista

Joe Friggieri

Kien hemm żagħżugħ imċewlaħ li kien idoqq il-flawt, ħwejġu mqattgħin, żarbun miftuħ u xagħru mqanfed, kien jintasab fuq iz-zuntier tal-knisja l-qadima u jdoqq minn x'ħin jisbaħ sa ma jidlam, donnha ħajtu kienet tiddependi minn jekk idoqqx jew le. Meta jonfoħ bil-mod, il-ħoss kien qisu żiffa qalb il-friegħi jew nixxiegħa għaddejja. Imma meta jonfoħ b'saħħtu, in-noti kienu jiġru wara xulxin, qishom erwieħ bla sabar jew ħuġġieġa tlebleb.

Għalmin kien idoqq il-flawtista? Għaxxjuħ li kienu jinġabru fuq it-taraġ tazzuntier, jgħoddu l-kwarti mal-qanpiena ta' l-arloġġ fil-kampnar immermer; għażżgħażagħ li fil-ħdud u l-festi kienu jieqfu bil-muturi bl-elmu mdendel ma' driegħhom; għat-tfal li kienu jersqu lejh imbeżżgħin; u għall-qtates li b'riħet id-daqq kienu jiddubbaw xi loqma x'jieklu.

Imma kien idoqq ukoll għal tfajla wiċċha roża, xuxitha maħlula u għajnejha żoroq, li minn wara l-persjani f'waħda mid-djar tal-misraħ kienet tgħaddi s-sigħat tħares lejn iz-zuntier, għajnejha fuqu.

F'għodwa sabiħa tar-rebbiegħa, riħa ta' ġiżimin u żahar tal-larinġ, bdew jinġabru fuq iz-zuntier il-mistednin għal quddiesa ta' tieġ. It-tapit l-aħmar infirex matul il-korsija, sal-bieb ta' barra, u t-tfal stennew bla sabar bil-qfief tal-fjuri f'idejhom. Il-kappillan reġa' ħares lejn l-arloġġ u ġibed lill-abbati lejh biex inewwillu l-asperġes.

Karozza sewda daħlet fil-misraħ u waqfet taħt iz-zuntier. Minnha ħareġ l-għarus, u tela' jiġri jirranġa xagħru. Imbagħad, mid-dar tal-misraħ, ħarget l-għarusa liebsa l-abjad, ħaddejha qishom warda, xagħarha miġbud taħt mant ħafif jittajjar maż-żiffa.

Kienet dik it-tfajla li minn wara l-persjani kienet tgħaddi s-sigħat tħares lejn iz-zuntier, għajnejha fuq il-flawtist. Qasmet it-triq fost it-tixjir ta' l-imkatar, il-ħars għajjur tal-ġirien, iċ-ċapċip tal-mistednin u t-tfigħ tal-ward u l-karti.

Kif waslet taħt iz-zuntier, il-flawtist daqq melodija kiebja li qatt ma daqqha qabel. Imbagħad niżżel il-flawt minn ma' xufftejh u ħares b'għajnejh miksura lejn l-għarusa. It-tfajla resqet lejh u bisitu fit-tul fuq xufftejh. Imbagħad daħlet il-knisja biex tiltaqa' mal-għarus.

*[Mill-ktieb: Ħrejjef għal Żmienna]*

Gordon's
auto dealer
'Maple Leaf' House, Church Str. Gharb Gozo
Tel: 552082, Mob: 0942 7162
Specializing in Motor Cycles